The Application in the names Muscat Dr Stephen noe vs Wistrand Jens Patric Mattias, application number 414/15 SM, has been deferred for hearing to the 8th October 2015, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st July 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1233

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl- 10 ta' Lulju 2015, fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2015 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fl-EWWEL SULAR, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), fit-tielet sular 'il fuq mil-livell tat-triq inkluża l-arja sovrastanti formanti parti mill-Blokk ta' Appartamenti bl-isem 'Anvil Apartments', numru erbgħa (4), fi Triq il-Minfaħ, Naxxar, liberu u frank. Inkluż ma' dan il-bejgħ hemm is-sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-blokk tat-taraġ ta' barra tal-blokk, tal-bieb tal-blokk, tal-entrata u entratura, tat-taraġ u tromba

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 10th July 2015, on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 1st October, 2015 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held on THE FIRST FLOOR, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following properties:

1. Apartment internally marked number three (3), on the second floor/third storey above road level including its overlying airspace forming part of Block of Apartments named 'Anvil Apartments', numbered four (4), in Triq il-Minfaħ, Naxxar, free and unencumbered together with its share of the common parts of the external staircase leading to the block, the door, the entrance, the entrance hall, the stairs and the

tat-taraġ mill-basement sal-bejt, tal-lift u l-lift shaft, is-sistema tal-ilma u drenaġġ stmat dan l-appartament li jiswa mija u disgħin elf ewro (€190,000).

2. Sitt Garaxxijiet fil-basement sottopost il-blokk ta' appartamenti magħruf bħala 'Anvil Apartments', numru erbgħa (4), fi Triq il-Minfaħ, Naxxar internament immarkati:

Garaxx numru tnejn (2) ta' ċirka 73.47 metri kwadri, stmat li jiswa ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000)

Garaxx numru tlieta (3) ta' ċirka 13.71 metri kwadri stmat li jiswa tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000)

Garaxx numru erbgħa (4) ta' ċirka 13.80 metri kwadri stmat li jiswa tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000)

Garaxx numru ħamsa (5) ta' ċirka 11.78 metri kwadri stmat li jiswa għoxrin elf ewro (€20,000)

Garaxx numru sitta (6) ta' ċirka 15.74 metri kwadri stmat li jiswa ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000)

Inkluż ma' kull garaxx hemm is-sehem ta' 1/7 indiviż kull garaxx tal-partijiet komuni li jinkludu wkoll is-sehem indiviż mir-rampa li hemm komuni mill-front garden li tagħti għal bieb tal-basement garages, il-car lift u lift shaft, it-taraġ li jagħti għal basement garages. L-aċċess għall-carlift huwa minn rampa komuni ma' oħrajn fil-fond tal-front garden quddiem il-bieb tal-basement garages.

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' XUEREB ALBERT U ROSARIA.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta 77/2013.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

stair well from basement level up to the roof, lift and lift shaft and water and drainage system which property is valued one hundred and ninety thousand Euro (€190,000).

2. Six Garages in the basement under the block of apartments named 'Anvil Apartments', numbered four (4), in Triq il-Minfaħ, Naxxar internally marked:

Garage number two (2) of approx. 73.47 metres squared valued forty five thousand Euro (€45,000)

Garage number three (3) of approx. 13.71 metres squared valued twenty three thousand Euro (€23,000)

Garage number four (4) of approx. 13.80 metres squared valued twenty three thousand Euro (€23,000)

Garage number five (5) of approx. 11.78 metres squared valued twenty thousand Euro (€20,000)

Garage number six (6) of approx. 15.74 metres squared valued twenty five thousand Euro (€25,000)

Included in this sale is the undivided share of 1/7 for each garage being sold of the ramp common to all garages together with the undivided share of the car lift, its shaft and of the access to the car lift from the said ramp, of the front garden leading to the door of the basement garages, and the undivided share of the stairs leading to the basement garages. The access to the carlift is from a ramp common with others from the front garden infront of the basement garages' door.

The said tenements are the property of XUEREB ALBERT and ROSARIA.

N.B. The said tenements will be sold as described in the Judicial Sale 77/2013.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 21st July, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of the Civil Courts and Tribunals

1234

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-8 ta' Ġunju, 2015, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC (C 2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2015 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, IL-BELT VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt:

Penthouse, bl-arja tagħha, numru sitta (6), li tinsab fuq in-naħa tax-xellug fit-tielet sular (3) hekk kif tħares faċċata tal-blokk bl-ittra 'A' bl-isem ta' 'Oak Leaf Apartments', fi Triq

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 8th June, 2015, on the application of BANK OF VALLETTA PLC (C 2833), Thursday, 3rd September, 2015 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held on THE FIRST FLOOR AT THESE COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, IL-BELT VALLETTA of the following property:

Penthouse, with its own airspace, number six (6), located on the left hand side on the third (3) floor level when facing the block with the letter 'A' named 'Oak Leaf Apartments',

il-Kbira, Il-Mosta. L-imsemmija penthouse tinsab sovrastanti l-appartament proprjetà tas-suċċessuri fit-titolu ta' Baħrija Properties Development Limited u għandha dritt għall-użu perpetwu interrott tal-partijiet komuni tal-imsemmija blokka, inkluż it-taraġ, it-tromba tat-taraġ, il-blokka tal-lift, il-lift, ix-xaft, id-drains, l-indani u l-kurituri, l-entratura prinċipali, il-main door u l-btieħi interni tal-kumpless. Il-kumplament tal-appartamenti fil-blokk għandhom aċċess għall-bejt tal-imsemmija penthouse sabiex jinstallaw it-tank tal-ilma, satellite dish jew aerial tat-televixin komuni, muturi tal-airconditioning u f'ċertu każijiet installazzjoni ta' solar heaters, bi dritt għas-sidien l-oħra tal-blokka, aċċess għall-imsemmi bejt sabiex jagħmlu l-manutenzjoni u t-tiswijiet meħtieġa u dan bi pre avviż lis-sid tal-penthouse. L-imsemmija penthouse hija soġġetta għas-servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħha, mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha stmata li tiswa mija u sittax-il elf u tmien mitt ewro (€116,800).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' P & D PROPERTIES LIMITED (C 41321).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 5/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

in Main Street, Mosta. The said penthouse is overlying apartment property of successor in title of Baħrija Properties Development Limited and including the uninterrupted perpetual use of the common parts of the said block, including staircase, stairwell, lift well, lift, shafts, drains, landings, corridors, main hallway and entrance, and main door, and internal courtyards of the complex. The rest of the apartments in the block have access to that penthouse roof to install a water tank, satellite dish or television aerial common motors air conditioning and in some cases installation of solar heaters, with their respective right of access to it, after giving purchaser reasonable prior notice, for the purposes of maintenance and repairs of such services and utilities. The penthouse enjoys and is subject to active and passive servitudes resulting from its position, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances valued at one hundred and sixteen thousand and eight hundred euro (€116,800).

The said tenement is the property of P & D PROPERTIES LIMITED (C 41321).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 5/14.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 21st July, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1235

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Alicia Galea (KI Nru. 385486M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 162/15RGM) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tagħha stess li jġib in-numru 3854/1986 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu nnotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Alicia Galea (ID No. 385486M) filed an application under oath (No. 162/15RGM) demanding CORRECTIONS in her own ACT OF BIRTH number 3854/1986 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court,

Illum 21 ta' Lulju 2015.

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

This 21st of July 2015.

KAREN FALZON
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1236

B'digriet mogħti fis-16 ta' Marzu 2015, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Formosa Lawrence vs Dos Santos Assad-Beaney Maria et, rikors numru 108/15 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Lawrence Formosa (KI 742635M) vs Maria Jose Dos Santos Assad-Beaney (KI 74296A) u n-Nutar Dr Sam Abela (KI 227783M) għal kull interess li jista' jkollu fis-6 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara illi l-lift installat fil-blokk ta' appartamenti 35, Fort Mansions, Triq Tigné, Sliema, illum jinsab reġistrat mat-Technical Regulations Division, fi ħdan il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority, u b'hekk ġie sodisfatt il-patt kontrattwali rigwardanti l-istess lift kif kontenut fil-preċitat kuntratt tan-Nutar Dr Sam Abela, datat 2 ta' Awwissu 2012, u għalhekk konsegwentement tiddikjara illi s-somma ta' €3,000 miżmuma f'idejn in-Nutar Dr Sam Abela, a bażi tal-kuntratt imsemmi għandha tiġi liberament rilaxxjata mill-istess Nutar Dr Sam Abela, f'idejn Lawrence Formosa.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni. Salv kull dritt ulterjuri spettanti lill-attur fil-konfront ta' Maria Jose Dos Santos Beaney.

Intimata: 1. Maria Jose Dos Santos Beaney, Flat 6, 35, Fort Mansions, Triq Tigné, Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Formosa Lawrence vs Dos Santos Assad-Beaney Maria et, rikors numru 108/15, LM, jinsab differit għas-smigħ għat-12 ta' Ottubru 2015, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Lulju 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 16th March 2015, in the records of the Sworn Application, in the names Formosa Lawrence vs Dos Santos Assad-Beaney Maria et, application number 108/15 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Maria Jose Dos Santos Assad Beaney, in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Lawrence Formosa (ID 742635M) vs Maria Jose Dos Santos Assad-Beaney (ID 74296A) and Notary Doctor Sam Abela (ID 227783M) for any interest he may have, on the 6th February 2015, the applicant asked this Honourable Court:

1. To declare that the lift installed in the block of apartments 35, Fort Mansions, Triq Tigné, Sliema, is today registered with the Technical Regulations Division, within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority and thus there was satisfied the contractual pact regarding the same lift as contained in the precited contract of Notary Doctor Sam Abela, dated 2nd August 2012, and thus consequently declare that the sum of €3,000 held by Notary Doctor Sam Abela on the basis of the contract mentioned should be freely released by the same Notary Doctor Sam Abela, in favour of Lawrence Formosa.

With costs against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made. Saving any further right due to the applicant against Maria Jose Dos Santos Beaney.

Respondent: 1. Maria Jose Dos Santos Beaney, Flat 6, 35, Fort Mansions, Triq Tigné, Sliema.

The Sworn Application in the names Formosa Lawrence vs Dos Santos Assad-Beaney Maria et, application number 108/15 LM, has deferred for hearing to the 12th October 2015 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st July 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1237

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Mejju 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1474/15, fl-ismijiet Nadine Zammit et noe vs Pierre Cuschieri et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 21st May 2015, in the records of the judicial letter number 1474/15, in the names Nadine Zammit et noe vs Pierre Cuschieri et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 24 ta' April 2015

Lil: Pierre Cuschieri

Sandro Cutajar (KI 214881M) ta' 96, Cutajar, Flat 1, Triq id-Dragun, Qormi.

Citadel Insurance plc

Permezz tal-preżenti Nadine Zammit (KI 170893M) u Toyah Zammit (KI 234695M) f'isimhom proprju u bħala tuturi bis-saħħa tad-digriet numru 818/2014 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) tat-13 ta' Ottubru 2014 għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Julia u Raul aħwa Zammit ilkoll bħala eredi tal-mejjet Michael Zammit (KI 607762M) ta' c/o 22/13 Strait Street, Valletta, jinterpellawkom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi sabiex taddivjenu għal-likwidazzjoni bonarja tad-danni kkaġunati lilhom bħala konsegwenza tal-mewt tal-imsemmi Michael Zammit (KI 607762M) fis-7 ta' Mejju 2013 u dan bħala riżultat tal-inċident li seħħ f'tiġrija taż-żwiemel fit-3 ta' Mejju 2013 li għalih intom l-intimati huma responsabbli skont il-liġi.

Fin-nuqqas il-mittenti filwaqt li jirriżevaw kull dritt naxxenti skont il-liġi jkunu kostretti li jipproċedu kontrikom b'kull mezz.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th April 2015

To: Pierre Cuschieri

Sandro Cutajar (ID 214881M) of 96, Cutajar, Flat 1, Triq id-Dragun, Qormi

Citadel Insurance plc

By means of this present Nadine Zammit (ID 170893M) and Toyah Zammit (ID 234695M) in their own name and as tutors pursuant to a decree number 818/2014 of the (Civil Court – Voluntary Jurisdiction Section) of the 13th October 2014 for and on behalf of the minors Julia and Raul brother and sister Zammit as heirs of the late Michael Zammit (ID 607762M), call upon you for all the purposes and effects of law to come forward to find an agreement on the liquidation of the damages caused to them as a consequence of the death of the said Michael Zammit (ID 607762M) on the 7th May 2013 and this as a result of the accident which occurred during a horse race on the 3rd May 2013 for which you are responsible according to law.

In default the interpellants whilst reserving all their rights available to them at law, will be left with no option but to proceed against you with all means.

With costs.

Registry of the Superior Courts today 22nd July 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1238

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Lulju 2015, fuq talba ta' Dr Jonathan Abela Fiorentino noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-soċjetà Ticket Limited, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 656/2015 JZM, fl-ismijiet Dr Jonathan Abela Fiorentino noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Dr Jonathan Abela Fiorentino, Avukat (detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 555482M) bħala mandatarju speċjali ta' Line Englund Bendixen, detentriċi tal-Passaport Norveġiż bin-numru 26851145 vs ..... bħala

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 8th July 2015, following a request of Dr Jonathan Abela Fiorentino noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the company Ticket Limited, in the records of the Sworn Application number 656/2015 JZM, in the names Dr Jonathan Abela Fiorentino noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Dr Jonathan Abela Fiorentino, Advocate (holder of Identity Card number 555482M) as special mandatory of Line Englund Bendixen, holder of Norwegian Passport with number 26851145 vs ..... as Deputy Curators

Kuraturi Deputati in rappreżentanza tas-soċjetà Ticket Limited (reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 42648), fis-6 ta' Lulju 2015, ir-rikorrenti Dr Jonathan Abela Fiorentino bħala mandatarju speċjali ta' Line Englund Bendixen, detentriċi tal-Passaport Norveġiż bin-numru 26851145 ai termini tas-sub-Artikolu (1) (b) tal-Artikolu 218 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta), talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjetà intimata Ticket Limited, skont is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikoklu (2) tal-Artikolu 214 u s-subartikolu (5) tal-Artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna x-xoljiment u konsegwenzjali stralċ tas-soċjetà intimata Ticket Limited, skont id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tordna l-istralċ mill-Qorti tas-soċjetà Ticket Limited, skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu 1 tat-Titolu 11 tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.

Notifika: Kuraturi għal Ticket Limited (C 42468) 168, St Christopher Street, Valletta VLT 1467.

Notifika Ulterjuri: The Registrar of Companies, Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Ħ'Attard, BKR 14.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Lulju 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

in representation of the company Ticket Limited (registered with registration number C 42648), on the 6th July 2015, the applicant Dr Jonathan Abela Fiorentino as special mandatory of Line Englund Bendixen, holder of Norwegian Passport with number 26851145 in terms of sub-Article (1) (b) of Article 218 of the Companies Act (Cap. 386 of the Laws of Malta) asked this Honourable Court:

1. To declare and order the dissolution and consequential winding up of the respondent company Ticket Limited, according to subparagraph (ii) of paragraph (a) of subarticle (2) of Article 214 and subarticle (5) of Article 214 of Cap. 386 of the Laws of Malta;

2. Order the dissolution and consequential winding up of the respondent company Ticket Limited according to the provisions of subparagraph (ii) of paragraph (b) of subarticle (2) of Article 214 of Cap. 386 of the Laws of Malta;

3. Order the winding up by the Court of the company Ticket Limited according to the provsions of Sub-Title 1 of Title 11 of Part V of the Companies Act (Cap. 386 of the Laws of Malta);

4. Give every provision it deems fit and opportune.

Notify: Curators for Ticket Limited (C 42468) 168, St Christopher Street, Valletta VLT 1467.

Further Notification: The Registrar of Companies, Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Ħ'Attard, BKR 14.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul LLD, Doctor of Laws.

Today 8th July 2015.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1239

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-9 ta' Lulju, 2015, fuq rikors ta' GAETANO BONNICI ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2015 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, IL-BELT VALLETTA tal-fondi hawn taħt deskritti:

Maisonette mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Dar il-Palma' li jinsab elevated ground floor fi Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa kanturiera ma' Triq il-Luħ, Mellieħa, liberu u frank, bid-drittijiet, ġiustijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa mija u ħamest elef ewro (€105,000); u

Garaxx mingħajr numru u mingħajr isem aċċessibbli minn Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa, sottostanti għall-maisonette mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Dar il-Palma' soġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6.99) soġġett għas-servitujiet attivi u passivi riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu stmat li jiswa tmienja u ħamsin elf ewro (€58,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' JASON VELLA (KI 57079M).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 113/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 9th July, 2015, on the application of GAETANO BONNICI, Tuesday, 29th September, 2015 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in THE FIRST FLOOR OF THESE COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following properties:

Maisonette with no official number named 'Dar il-Palma' situated at elevated ground floor in Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa corner with Triq il-Luħ, Mellieħa, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances valued at one hundred and five thousand Euro (€105,000); and

Garage with no number and name, accessible from Triq Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa, underlying the maisonette with no official number named 'Dar il-Palma' subject to annual and perpetual groundrent of six Euro and ninety nine cents (€6.99) subject to the active and passive servitudes resulting from its position valued at fifty eight thousand Euro (€58,000).

The said tenements are the property of JASON VELLA (ID 57079M).

N.B. The said tenements will be sold as described in the acts of file number 113/12.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 22nd July, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1240

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Lulju 2015, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Is-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs Is-soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674) et, Rikors numru 304/15 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Is-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs (1) Is-soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674), (2) Ian Chircop Beck (KI 64586M) fit 30 ta' Marzu 2015, is-soċjetà rikorrenti The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi Ċivili Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €15,471.65

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 8th July 2015, in the records of the Sworn Application, in the names Is-Soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs Is-Soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674) et, Application number 304/15 AF, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names 'Is-Soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs (1) Is-soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674), (2) Ian Chircop Beck (ID 64586M) on the 30th March 2015, the applicant company The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) asked this Honourable Court:

1. To proceed without a hearing of the cause in terms of Article 167 et seq. of the Civil Code Cap. 12 of the Laws of Malta, condemn the defendants to pay the sum of €15,471.65

rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut għall-bejgħ u kunsinna ta' prodotti mis-soċjetà attriċi bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mitluba il-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Rikorrenti: Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000.

Notifika: 1. Barcelona Beach Company Limited, 31, Flat 2, 'Saint Joseph Flats', Triq Wilġa, San Ġiljan.

2. Ian Chircop Beck, 5, Eris, Triq il-Qamħ, Ħ'Attard.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Is-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs Is-Soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674) et, rikors numru 304/15 AF, jinsab differit għas-smigħ għall-20 ta' Ottubru 2015, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

representing balance of a larger sum due for the sale and delivery of products by the applicant company with further interests till the date of effective payment.

With costs as demanded the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant: Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000.

Service: 1. Barcelona Beach Company Limited, 31, Flat 2, 'St. Joseph Flats', Triq Wilġa, St Julians.

2. Ian Chircop Beck, 5, Eris, Triq il-Qamħ, Ħ'Attard.

The Sworn Application in the names Is-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) vs Is-soċjetà Barcelona Beach Company Limited (C 52674) et, application number 304/15 AF has been deferred for hearing to the 20th October 2015, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1241

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' Ġunju, 2015 fuq rikors ta' CARUANA FIONA ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 22 ta' Settembru, 2015 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, IL-BELT VALLETTA, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond bl-isem 'St Francis', fi Triq San Mikiel, San Ġiljan, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) mill-bqija libera u franka stmat li jiswa mitejn u għaxart elef ewro (€210,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' CARUANA ALBERT (KI 763346M) u CARUANA FIONA (KI 896952M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 21/15.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th June, 2015 on the application of CARUANA FIONA, Tuesday, 22nd September, 2015 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in THE FIRST FLOOR OF THESE COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following property:

The tenement name 'St Francis' in Triq San Mikiel, San Ġiljan, subject to annual and perpetual groundrent of fifty eight euro and twenty three cents (€58.23) the rest free and unencumbered valued at two hundred and ten thousand euro (€210,000).

The said tenement is the property of CARUANA ALBERT (ID 763346M) and CARUANA FIONA (ID 896952M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 21/2015.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 22nd July, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1242

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-9 ta' Lulju, 2015 fuq rikors ta' BORG DARREN ET ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2015 fl-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir f'447, TRIQ SAN ĠUŻEPP, SANTA VENERA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GEOMIKE LIMITED.

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 9th July, 2015 on the application of BORG DARREN ET, Wednesday, 21st October, 2015 at ten in the morning (10.00 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered to be held at 447, TRIQ SAN ĠUŻEPP, SANTA VENERA of the following items seized from the property of GEOMIKE LIMITED.

Imwejjed, Siġġijiet, Bar Cooler, Bankijiet tal-Istainless Steel, Magna tal-Kafè, Kikkri, Plattini, Platti, Tazzi, Teapots, Buqari tal-ħalib, LCD's, Fridges, Siġġijiet tat-tfal, Dishwashers, Sinkijiet tal-istainless steel, Grills, Miżien diġitali, Mincer, Cheese grater, Slicer, Food Processor, Forn, Microwave, cupboards, Hob b'erba' Burners, Pasta boiler, Cooker Hoods, Forn tal-Pizza u diversi oġġetti oħra.

Tables, Chairs, Bar Cooler, Stainless Steel Fridge Cupboards, Coffee Machine, Cups, Saucers, Plates, Glasses, Teapots, Milk Jugs, LCD's, Fridges, Childrens' Chairs, Dishwashers, Stainless Steel Sinks, Grills, Digital Scale, Mincer, Cheese grater, Slicer, Food Processor, Oven, Microwave, Cupboards, Hob with four Burners, Pasta boiler, Cooker Hoods, Pizza Oven and other objects.

N.B. L-oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-Atti tas-Subbasta 32/2014.

The objects will be sold as described in the Judicial Sales Act 32/2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 23 ta' Lulju, 2015.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 23rd July, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1243

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-20 ta' Mejju, 2015 fuq rikors ta' BLAND JOAN DR SIVE YANA MINTOFF BLAND ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2015 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FL-EWWEL SULAR, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, IL-BELT VALLETTA, tal-fondi hawn taħt deskritti:

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 20th May, 2015 on the application of BLAND JOAN DR SIVE YANA MINTOFF BLAND, Thursday, 10th September, 2015 at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held on THE FIRST FLOOR, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following properties:

Garaxx mhux uffiċjalment innumerat imma mmarkat numru tnejn (2) fi Triq San Franġisk, Fgura, liema garaxx huwa t-tieni mil-lemin meta wieħed iħares lejn il-faċċata, sottopost għall-proprjetà tal-familja Chetcuti jew is-suċċessuri tagħhom u konfinanti mill-Punent mal-imsemmija triq, min-Nofsinhar ma proprjetà oħra ta' Ellul Alfred jew is-suċċessuri tiegħu, mit-Tramuntana konfinanti l-blokk kollu ma' beni ta' Arthur Micallef jew is-suċċessuri tiegħu, soġġett għas-servitujiet inerenti għall-pożizzjoni tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa tletin elf Ewro (€30,000).

Garage not officially numbered, marked number two (2) in Triq San Franġisk, Fgura, which garage is the second on the right when looking at the facade, underlying the property of family Chetcuti and their successors bordering from the West with the abovementioned street, from the South with another property of Ellul Alfred or their successors, from the North bordering all the block with property of Arthur Micallef or his successors, subject to inherent, with all its rights and enjoyments, valued at thirty thousand Euro (€30,000).

Garaxx mhux uffiċjalment innumerat imma mmarkat numru erbgħa (4) fi Triq San Franġisk, Fgura, sottopost

Garage not officially numbered, marked number four (4) in Triq San Franġisk, Fgura, underlying the property of Rose

għall-proprjetà ta' Rose Marie Attard jew is-suċċessuri tagħhom u konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Arthur Micallef jew is-suċċessuri tiegħu u min-Nofsinhar ma' garaxx ta' Rose Marie Attard jew is-suċċessuri tagħha, formanti parti minn korp bini konsistenti f'żewg appartamenti u żewġ garaxxijiet, bla numru jismu 'The Cliff' fi Triq San Franġisk, Fgura, liema korp ta' bini kien oriġinarjment dar bla numru bl-isem 'Josie', konfinanti mil-Lvant mat-triq imsemmija, mit-Tramuntana ma' beni ta' Arthur Micallef jew is-suċċessuri tiegħu, u min-Nofsinhar ma' beni tal-Avukat Ġużeppi Attard Montalto jew is-suċċessuri tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa tmintax-il elf Ewro (€18,000).

Garaxx bil-bitħa tiegħu fi stat ta' ġebel u saqaf bla numru u isem, fi Triq Ġużeppi Schembri ġa Triq Ġdida bla isem li tagħti għal Upper Church Avenue, Tarxien, kif sottopost għall-beni ta' terzi u jikkonfinaw flimkien mill-Grigal mal-imsemmija triq, mill-Majjistral ma' beni tal-konjugi Bondin jew is-suċċessuri tagħhom u min-Nofsinhar ma' beni ta' Alfonso Caruana jew is-suċċessuri tiegħu, soġġetti għal servitu li l-fondi sovrapposti jiftħu twieqi għal fuq il-bitħa msemmija u li jgħaddu katusi neċessarji għad-drains u d-drenaġġ, minn kull ħaġa oħra liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, stmat li jiswa ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000).

Garaxx bil-bitħa tiegħu fi stat ta' ġebel u saqaf bla numru u isem, fi Triq Ġużeppi Schembri ġa Triq Ġdida bla isem li tagħti għal Upper Church Avenue, Tarxien, kif sottopost għall-beni ta' terzi u jikkonfinaw flimkien mill-Grigal mal-imsemmija triq, mill-Majjistral ma' beni tal-konjugi Bondin jew is-suċċessuri tagħhom u min-Nofsinhar ma' beni ta' Alfonso Caruana jew is-suċċessuri tiegħu, soġġetti għal servitu li l-fondi sovrapposti jiftħu twieqi għal fuq il-bitħa msemmija u li jgħaddu katusi neċessarji għad-drains u d-drenaġġ, minn kull ħaġa oħra liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, stmat li jiswa tnejn u tletin elf Ewro (€32,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' ELLUL ALFRED ET.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-Atti tas-Subbasta 31/2013.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 23 ta' Lulju, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Marie Attard and her successors bordering from the East with the abovementioned street, from the North with the property of Arthur Micallef or his successors and from the South with a garage property of Rose Marie Attard or her successors, forming part of a block consisting of two apartments and two garages named 'The Cliff' in Triq San Franġisk, Fgura which block was originally a house with no number named 'Josie', bordering from the East with the above mentioned street, from the North with property of Arthur Micallef or his successors and from the South with property of Dr Ġużeppi Attard Montalto or his successors, with all its rights and enjoyments, valued eighteen thousand Euro (€18,000).

Garage with Yard in shell form state unnamed and without number in Triq Ġużeppi Schembri formerly a new road without name which leads to Upper Church Avenue, Tarxien, underlying property of others which borders together from North East with the above mentioned street, from South West with property of spouses Bondin and their successors and from the South with property Alfonso Caruana and his successors, subject to servitudes to the overlying property to open windows on the yard mentioned and to install the necessary pipes and drains for drainage, free and unencumbered, valued for twenty five thousand Euro (€25,000).

Garage with Yard in shell form state unnamed and without number in Triq Ġużeppi Schembri formerly a new road without name which leads to Upper Church Avenue, Tarxien, underlying property of others which borders together from North East with the above mentioned street, from South West with property of spouses Bondin and their successors and from the South with property Alfonso Caruana and his successors, subject to servitudes to the overlying property to open windows on the yard mentioned and to install the necessary pipes and drains for drainage, free and unencumbered, valued for thirty two thousand Euro (€32,000).

The said tenements are the property of ELLUL ALFRED ET.

N.B. The said tenements will be sold as described in The Acts 31/2013.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23rd July, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*